# FIL-QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Numru: 156/2024 ISB**

**Wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri tul bin-numru 173/2024DC fl-ismijiet:**

**MSC Mediterranean Shipping Company SA, soċjetà estera reġistrata ġewwa l-ISvizzera, b'numru ta' reġistrazzjoni tagħha CHE-111.954.803 kif debitament rappreżentata minn Dr Ann Fenech KI 28763M bħala Mandatriċi Specjali**

**Vs**

**Il-Bastiment MSC Valencia (IMO Nru 9301471)**

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GĦAR-RIKORS TAL-BASTIMENT "MSC VALENCIA" U TAL-*BAREBOAT CHARTERERS* MS "MSC VALENCIA" SCHIFFAHRTSGESELLSCHAFT MBH, MAGĦMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 836(1)(d) U (f) TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**Rikors** tat-13 ta' Frar 2024 ppreżentat ai termini tal-Artiklu 836(1)(d) u (f) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-BASTIMENT "MSC VALENCIA" U TAL-BAREBOAT CHARTERERS MS "MSC VALENCIA" SCHIFFAHRTSGESELLSCHAFT MBH;

Rat id-Digriet proviżorju tagħha;

Rat **ir-Risposta** mressqa fil-25 ta' Marzu 2024;

Rat l-atti ta' din il-proċedura;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar kawtelatorju numru 173/2024DC;

Rat is-sub-artikolu (4) tal-Artiklu 836 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jidhrilha illi tista' tgħaddi għad-digriet odjern mingħajr il-ħtieġa illi tinżamm seduta u tisma' trattazzjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi qed jitressaq dan ir-rikors ai termini tal-**Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-KAP 12** –

.

(d) *jekk jintwera illi l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

(f) *jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*.

Minn qari tar-rikors, jinftiehem ċar illi dak li l-hawnekk rikorrenti qed isostnu hu illi l-bastiment ilu Malta minn Mejju 2023 u qatt ma saret *claim* fir-rigward tiegħu, sakemm gie rinfaċċjat bil-Mandat de quo. Isostnu illi ma hemm ebda *prima facie* ġustifikazzjoni tal-ammont pretiż u kawtelat bil-Mandat u li l-Mandat huwa frott ta' aġir abbużiv da parti tas-soċjeta` hawnhekk intimata, u kwindi huwa Mandat illi fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli illi jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu jew in parte.

L-hawnekk intimati, min-naħa tagħhom, filwaqt illi juru diżapprovazzjoni għal ċertu premessi magħmula fir-rikors u jiddikjaraw illi huma fattwalment inveritieri, jannettu mar-risposta tagħhom il-*claim submissions* magħmula minnhom fil-proċeduri ta' Arbitragg f'Londra rigwardanti appuntu l-vertenza bejn il-partijiet, liema Arbitraġġ inbeda l-għada illi l-vapur de quo

ġie maqbud, inoltre` kif jiddikjaraw illi ġja kienu għarrfu lill-Qorti b'dan permezz ta' nota.
Jikkontententendu għalhekk illi la l-proċedura ma hi abużiva, la huwa l-każ illi mhux ġustifikat jibqa' fis-seħħ u lanqas ma huwa l-każ illi t-talba hija eċċessiva, peress illi hija l-istess ammont mitlub fl-Arbitraġġ li huwa l-forum adatt fejn it-talbiet jiġu ppruvati.

Din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk[1]:

> *Hu pacifiku li l-ezami li trid tagħmel il-Qorti hu dak biss ta' prima facie għaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li si tratta dejjem ta' procedura preliminari li għadha qiegħda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar ilmertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut datata 5 ta' Ġunju 2003).*
>
> *Dan is-subartikolu 836(1)(f) jghid li "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli";*
>
> *"Għalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti għandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet għall-hrug tal-mandat m'għadhiex tesisti."( Dr. Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe " - PA(GC) - dec. fit-3 ta' Awissu 2003 ).*
>
> *<u>Illi minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbażi ta' dan is-subartikolu hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat</u>;*
>
> *…………*
>
> *Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjuz fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-liġi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu.*

---

[1] 1223/2013LSO Gasan Mamo Insurance Limited (C 2143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Zarb Garage Limited (C 7125) u l-istess Zarb Garage Limited (C 7125). vs Roc A Go Crane Services Limited (C 27553), Anthony Theuma (ID 422369), Victor Micallef (ID 940547M), Kevin Bartolo (ID 243583M), Salvatore Micallef (ID 381267M). – 6.02.2014

*Ma jrid jintesa' qatt li l-għan ta' Mandat kawtelatorju hu li jiffriza l-qagħda sakemm il-kwistjoni tigi determinata definittivament u kif għandu jkun fuq il-mertu.*

*Il-Qorti għal dawn il-motivi, hi tal-fehma li ma jissussistix ir-ragun dedott a bazi tal-artikolu 836(1)(f), u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tagħha, qed tiċħad din l-ewwel talba dedotta mir-rikorrent.*

Il-Qorti tqis illi fir-rigward tat-talba magħmula ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) għalhekk, ċertament illi mhux mistħoqq illi din tiġi milqugħa, peress illi ma ntweriet ebda raġuni kwalsiasi da parti tar-rikorrenti illi turi illi kien hemm xi bdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi. Anzi, l-Qorti tazzarda tgħid illi l-bdil sostanzjali li kien hemm kien fis-sens illi l-hawnekk intimati ressqu l-pretensjonijiet tagħhom quddiem l-Arbitraġġ f'Londra, appuntu fuq l-istess premessi illi ressqu dan il-Mandat ftit ġranet qabel. U dan kollu jmur biex jimmilita a favur l-hawnekk soċjeta' intimata.

In kwantu għal dak pretiż fir-rigward tal-Artikolu 836(1)(d) mbagħad, il-Qorti ma għandhiex wisq xi tgħid. Filwaqt illi l-hawnekk soċjeta' rikorrenti donnu illi tibbaża dan fuq il-fatt (anke dan ikkontestat) illi ma tressqet ebda talba qabel il-Mandat, u fuq il-fatt illi l-ammont huwa donnu esaġerat bil-ħsieb ta' eventwali subbasta, ma jirriżultax illi nġiebet imqar prova waħda *prima facie* ta' dak allegat. U l-istess kif ingħad aktar il-fuq dwar il-fatt illi ġew intavolati l-proċeduri fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Londra, jingħad issa, għaliex minn dawk l-atti jirriżulta illi l-hawnekk soċjeta' intimata qegħda ssostni fermament l-ammonti hawnhekk kawtelati.

Magħdud dan u bbażat fuq dan l-insenjament, il-Qorti mhux ser ikollha alternattiva għajr illi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti,

**GĦALHEKK,** għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tat-13 ta' Frar 2024 billi:

1. **Tiċħad** l-ewwel talba sabiex tappunta r-rikors għas-smigħ peress illi l-Qorti tħoss illi ai termini ta' l-Artikolu 836(4) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija qegħda f'posizzjoni illi tgħaddi ġudizzju mingħajr il-bżonn ta' seduta;

2. **Tiċħad** it-tieni talba u tiddikjara illi ma jidhriliex, fiċ-ċirkostanzi u għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, illi l-Mandat mhux *prima facie* ġustifikat jew eċċessiv ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12;

3. **Tiċħad** ukoll it-tielet talba u tiddikjara illi ma jidhriliex, fiċ-ċirkostanzi u għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, illi l-Mandat mhux raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ u mhux ġustifikabbli ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-KAP 12;

4. **Tiċħad** ukoll ir-raba' talba għat-tħassir tal-istess Mandat in parte jew in toto kif hemmhekk mitlub.

Bl-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura a karigu tal-hawnhekk rikorrenti BASTIMENT "MSC VALENCIA" U TAL-BAREBOAT CHARTERERS MS "MSC VALENCIA" SCHIFFAHRTSGESELLSCHAFT MBH.

**Digriet mogħti *in camera*, illum, l-Erbgħa, 27 ta' Marzu 2024.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |